REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2238

tat-22 ta' Awwissu 2022

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2306 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji għaċ-ċertifikati ta' spezzjoni u l-estratti tagħhom u fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji għaċ-ċertifikati ta' spezzjoni maħruġa fl-Ukrajna

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 38(8), il-punt (a)(ii), l-Artikolu 46(7), il-punt (b), u l-Artikolu 57(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2306 ([2]) jistabbilixxi regoli dwar il-kontrolli uffiċjali fir-rigward ta' prodotti organiċi u prodotti fil-fażi tal-konverżjoni maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni u dwar iċ-ċertifikat ta' spezzjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, u 6(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2306, iċ-ċertifikat ta' spezzjoni għandu jinħareġ u jiġi approvat fis-Sistema ta' Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti (TRACES) u jrid ikollu siġill elettroniku kwalifikat. L-Artikoli 6(6) u 7(4) ta' dak ir-Regolament jipprevedu rispettivament l-approvazzjoni ta' parti minn konsenja bħala organika u l-approvazzjoni ta' estratti taċ-ċertifikati ta' spezzjoni fi TRACES permezz ta' siġill elettroniku kwalifikat.

(3) Id-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fl-Artikolu 11, il-paragrafi (1) u (2), tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2306 diġà jipprevedu li, sat-30 ta' Ġunju 2022, iċ-ċertifikat ta' spezzjoni jista' jinħareġ fuq karta wara li jimtela fi TRACES u jiġi stampat u, jekk jinħareġ fuq karta, jenħtieġ li dan iċ-ċertifikat jiġi approvat fuq karta. F'każ li ċ-ċertifikat ta' spezzjoni jinħareġ fi TRACES u jkollu siġill elettroniku kwalifikat, jista' jiġi approvat fuq karta.

(4) Id-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fl-Artikolu 11(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2306 jipprevedu li, sat-30 ta' Ġunju 2022, l-estratt taċ-ċertifikat ta' spezzjoni wkoll jista' jiġi approvat fuq karta wara li jimtela fi TRACES u jiġi stampat.

(5) Il-proċess għar-reġistrazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi kif ukoll tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll għas-siġill elettroniku kwalifikat għadu għaddej. Il-proċess ta' reġistrazzjoni ħa aktar fit-tul milli kien mistenni u ma ġiex iffinalizzat qabel it-30 ta' Ġunju 2022.

(6) Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tranżitorji għaċ-ċertifikati ta' spezzjoni stampati u l-estratti tagħhom previsti fl-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2306 jeħtieġ jiġu estiżi sabiex l-atturi kollha kkonċernati jkunu jistgħu jiffinalizzaw ir-reġistrazzjoni għas-siġill elettroniku kwalifikat.

(7) L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-24 ta' Frar 2022 tikkostitwixxi sfida eċċezzjonali u bla preċedent għall-awtoritajiet ta' kontroll u għall-korpi ta' kontroll li ġew rikonoxxuti għall-iskop tal-esportazzjoni ta' prodotti organiċi u ta' dawk fil-fażi ta' konverżjoni mill-Ukrajna lejn l-Unjoni. Fl-Ukrajna, is-servizzi postali wkoll ġew imfixkla.

([1]) ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2306 tal-21 ta' Ottubru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar il-kontrolli uffiċjali fir-rigward tal-konsenji ta' prodotti organiċi u prodotti fil-fażi tal-konverżjoni maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni u dwar iċ-ċertifikat ta' spezzjoni (ĠU L 461, 27.12.2021, p. 13).

(8) F'konformità mal-Artikolu 11(1a) tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2306, u b'deroga mill-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dak ir-Regolament, sat-30 ta' Ġunju 2022, persuna awtorizzata li tinsab fl-Ukrajna, ta' awtorità ta' kontroll jew ta' korp ta' kontroll li mhix mgħammra b'siġill elettroniku kwalifikat, tista' tipproduċi u tissottometti fi TRACES iċ-ċertifikat ta' spezzjoni f'format elettroniku mingħajr l-applikazzjoni ta' siġill elettroniku kwalifikat fil-kaxxa 18 tiegħu. Fid-dawl tat-tul imprevedibbli tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, jeħtieġ ukoll li dik id-deroga tiġi estiża.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2021/2306 jiġi emendat skont dan.

(10) Minħabba l-iskadenza tal-perjodu tranżizzjonali għaċ-ċertifikati stampati u tad-deroga għall-Ukrajna fit-30 ta' Ġunju 2022, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Lulju 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2306 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu 1, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"B'deroga mill-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, sat-30 ta' Novembru 2022, iċ-ċertifikat ta' spezzjoni jista' jinħareġ fuq karta wara li jimtela fi TRACES u jiġi stampat. Dak iċ-ċertifikat stampat għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:";

(2) il-paragrafu 1a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1a. B'deroga mill-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, sat-30 ta' Novembru 2022, persuna awtorizzata li tinsab fl-Ukrajna, ta' awtorità ta' kontroll jew ta' korp ta' kontroll li mhix mgħammra b'siġill elettroniku kwalifikat, tista' tipproduċi u tissottometti fi TRACES iċ-ċertifikat ta' spezzjoni f'format elettroniku mingħajr l-applikazzjoni ta' siġill elettroniku kwalifikat fil-kaxxa 18 tiegħu. Dan iċ-ċertifikat għandu jinħareġ qabel ma l-konsenja korrispondenti tħalli l-Ukrajna.";

(3) fil-paragrafu 2, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"B'deroga mill-Artikolu 6(3), sat-30 ta' Novembru 2022, għandu japplika dan li ġej:";

(4) fil-paragrafu 5, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"B'deroga mill-Artikoli 6(6) u 7(4), sat-30 ta' Novembru 2022, l-estratt taċ-ċertifikat ta' spezzjoni jista' jiġi approvat fuq karta, wara li jimtela fi TRACES u jiġi stampat. Dak l-estratt stampat taċ-ċertifikat għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN